**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Ġunju, 2024**

**Talba Nru: 392/2023MD**

**L-Awtorita' tad-Djar**

**Vs**

**Laura Wallwork (ID 0057720A)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-26 ta' Ottubru, 2023[1] permezz ta' liema l-Awtorita' attriċi talbet li l-konvenuta tiġi kkundannata sabiex tħallas is-somma ta' elf, mitejn, wieħed u għoxrin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżimu (€1,221.48) rappreżentanti sussidju dovut lura lill-Awtorita' attriċi konsegwenza ta' ksur ta' kundizzjoni ta' skema mil-konvenuta; bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 166A datata 26 ta' Mejju, 2023, u bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali sal-ħlas effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata bl-Avviż, ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret għas-seduti tat-3 ta' Mejju, 2024[2], u tad-9 ta' Mejju, 2024[3].

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol* 49 tal-proċess.
[3] *A fol* 51 *et seq* tal-proċess.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tal-Awtorita' attriċi fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2024[4] u fil-fatt il-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi għalih għas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2024.[5]

Sema x-xhieda ta' Andrew Xuereb bħala rappreżentant tal-Awtorita' attriċi[6] li kkonferma li l-kariga tiegħu fi ħdan l-Awtorita' hija ta' *supervisor* fis-sezzjoni legali. Spjega li l-ammont ta' elf, mitejn, u għoxrin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżimu (€1,220.48) huwa rifużjoni tal-iskema ta' GFR, li hija skema sabiex tgħin lin-nies fil-bini, fl-irranġar jew tkomplija fl-ewwel residenza tagħhom, fejn l-Awtorita' kienet tat lil konvenuta l-flus fuq il-VAT, fuq il-*finishes* tal-ewwel residenza tagħha. Il-konvenuta fil-kundizzjonijiet kienet marbuta li tidħol fil-post fi żmien sentejn u dan m'għamlitux u għalhekk qed jitolbu l-flus lura. Hu kkonferma l-iskema annessa mar-rikors promotur[7].

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' Andrew Xuereb u l-iskema ppreżentata mar-rikors promotur.[8]

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna lil konvenuta tħallas is-somma ta' elf, mitejn, wieħed u għoxrin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżimu (€1,221.48) rappreżentanti sussidju dovut lura lil-Awtorita' konsegwenza ta' ksur ta' kundizzjoni ta' skema mil-konvenuta, bl-imgħax dekorribbli mis-26 ta' Mejju, 2023[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża, u tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Mejju, 2023[10], jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Dr. Marouska Debono**

**Ġudikatur**

[4] *A fol* 50 tal-proċess.
[5] *A fol* 51 tal-proċess.
[6] *A fol* 52 tal-proċess; xhieda datata 9 ta' Mejju, 2024.
[7] *A fol* 4 *et seq* tal-proċess.
[8] *Ibid*.
[9] Data skont it-talba.
[10] *A fol* 12 tal-proċess.